**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

**MALTA**

CCT71/16/S

Simone Cassar
Vs
Emcare Group Malta Ltd

Illum 13 t'Ottubru,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Simone Cassar ipprezentata fis-6 t'April,2016 u r-risposta tas-socjeta Emcare Group Malta Ltd ipprezentata fit-8 ta'Gunju,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fit-30 ta'Gunju,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda hlas talli 'technician' imur ghand klijent meta l-hsara ma tkunx fis-servizz tat-Telecare;

Illi jinghad mal-ewwel li hu obbligu ta' min jaghti servizz li jinforma lill-klijenti bir-rati ta' hlas u ghalxiex ikunu;

Illi inutli li jkun hemm 'policies' fi hdan socjeta u dawn ma jigux spjegati sew u b'mod car lill-klijenti qabel jordnaw jew jinghataw xi servizz;

Illi r-rikorrenti hallset is-somma ta' €15 talli mar it-tekniku tas-socjeta intimata meta l-hsara ma kinitx mis-servizz tat-Telecare izda mill-linja tat-telefon;

Illi ghalhekk ma kienx hemm bzonn li jinbidel is-sett kif hasbet ir-rikorrenti fl-ewwel lok;

Illi r-rikorrenti sostniet li ma kinitx giet infurmata li tekniku jiehu €15 biex jigi d-dar ta' klijent meta l-hsara rapurtata ma tkunx mis-servizz tat-Telecare;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal qed jiehu l-verzjoni tar-rikorrenti bhala wahda versosimili u cioe li ma kinitx giet infurmata bil-'policy' tas-socjeta intimata kif inghad fl-ahhar sentenza tar-risposta tas-socjeta intimata;

Illi mill-provi jirrizulta li s-sett ghadu tajjeb u mhemmx bzonn jinbidel;

Ghaldaqstant wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti Simone Cassar u filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Emcare Group Malta Ltd, Jordna lill-istess socjeta intimata tirrifondi lura lir-rikorrenti s-somma ta' €15 fi zmien gimghatejn mid-data ta'din id-decizjoni, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru